MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 136/2013

Emanuel **MIFSUD**

vs

David **GRECH** u Jane Grech

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-8 ta' Frar 2013, li bih ir-rikorrent għar-raġunijiet hemm imfissra, talab (a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) li l-Qorti ssib li l-imħarrkin miżżewġin Grech huma debituri ċerti u likwidi tiegħu, u (c)

li l-Qorti tikkundanna lill-istess imħarrkin, biex iħallsu lill-attur s-somma ta' sittax-il elf euro (€16,000) li tirrapreżenta l-ammont li huma stqarrew li għandhom iħallsuh f'kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2012.

Talab ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali b'seħħ mit-28 ta' Mejju, 2012 u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati li naqsu li jidhru meta ssejhet il-kawża, u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet lill-attur jikkonferma li sa minn dakinhar li fetaħ il-kawża ma kien tħallas l-ebda parti mill-imsemmija somma;

Semgħet l-Avukat tal-attur;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta' l-intimati taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' it-tieni talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin miżżewġin Grech għandhom jagħtu lill-attur;

3) **Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu lill-attur s-somma ta' sittax-il elf euro (€16,000) rappreżentanti dejn minnhom mistqarr f'kitba tat-28 ta' Mejju, 2012, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-28 ta' Mejju, 2012 sal-jum tal-ħlas effettiv.

4) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------